Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 917/2007

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Raymond Pizzuto**
**(ID-220256-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta` Dicembru, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin euro, hamsa u hamsin centezmu (Euro 237.55c), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku bin-numru 21231436 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. A, Dok. B. u Dok. C.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.


Qrati tal-Gustizzja

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro 237.55c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------